MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 955/1995/1

William Bugeja ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Bugeja Constructions Limited
vs
Emanuel Cachia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Rock Cut Limited

Illum, 2 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Lulju 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur nomine jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma komplessiva ta’ elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2300) rappresentanti din is-somma prezz ta’ hamrija mibjugha u kkonsenjata mill-attur nomine lill- konvenut nomine.

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa’ inadempjenti.

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-attur nomine kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta’ elfejn tlett mitt lira Maltin (Lm2300) rappresentanti din is-somma prezz ta’ hamrija mibjugha u kkonsenjata mill-attur nomine lill-konvenut nomine.

2. tikkundanna l-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta’ elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2300).

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-mandati kawtelatorji presentati kontestwalment u l-imghax mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv kontra l-konvenut nomine li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-attur biegh u kkonsenja hamrija lill-konvenut nomine izda biss terrapien.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Jannar 1996 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Rene` Buttigieg bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fit-28 ta' Frar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumnti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza s-socjeta` attrici qed tfittex lis-socjeta` konvenuta ghas-somma ta' Lm2300 li s-socjeta` attrici tghid li hi dovuta lilha ghal hamrija provduta lis-socjeta` konvenuta fuq is-sit tal-*power station* ta' Delimara. Il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta hi fis-sens li dak li s-socjeta` attrici pprovdiet ma jistax jitqies bhala hamrija izda bhala terrapien.

M'hemm l-ebda dubju li l-materjal in kwistjoni ngarr mill-burdnara mqabbda mis-socjeta` attrici mill-ajruport sas-sit tal-*power station*. Jirrizulta wkoll li kull meta kien jasal trakk bl-istess materjal kien ikun hemm *checker* tas-socjeta` konvenuta li jiehu nota tieghu. Dan jistqarru Emmanuel Cachia stess fix-xiehda tieghu li jghid ukoll li min-Naha ta' l-Enemalta kien hemm il-Perit Busuttil li kien imur jiccekkja kuljum ta' sikwit u jikkontrolla l-kwalita` u l-mod kif kien qed isir ix-xoghol. Qal ukoll l-istess konvenut nomine li xoghol ic-*checker* kien li jara kemm-il vjagg jidhol, jaghti karta lix-xufier tat-trakk u jara li l-materjal jigi arbulat; dwar kwalita` tal-materjal la kellu inkarigu u lanqas jifhem. Lanqas il-*foreman* ma kien inkarigat jara l-kwalita` tal-materjal. Qal li lill-attur kien gibidlu l-attenzjoni dwar il-kwalita` tal-materjal izda baqa' jipprovdi l-istess kwalita`. Darba anke kecca xufier li kien gie bi trakk kollu terrapien.

Il-Perit Carmel Busuttil xehed li l-hamrija li ngabet intuzat pero` kien hemm xi parti, mhux kbira, proporzjonalment ghall-volum ta' hamrija li ntuza fil-progett, li ma gietx approvata minnu. X'sar minnha ma jiftakarx izda zgur li ma sarx hlas ghaliha. Kellhom nies kwalifikati biex jispezzjonaw il-materjal.

Issa filwaqt li l-attur nomine jsostni li l-hamrija li huwa pprovda ntuzat mill-konvenut nomine, dan isostni li l-Enemalta ma accettathiex u giet stivata ma' skart iehor ta' l-Enemalta. Mill-banda l-ohra John Polidano li kien *foreman* mas-socjeta` konvenuta qal li kien hemm diversi kuntratturi li tqabbdu biex igibu hamrija u hadd ma kellu l-post riservat tieghu biex ihott; qal li l-konvenut nomine tant dahhal hamrija li ma ntuzatx kollha.

Gustament il-perit tekniku osserva li ma kienx hemm supervizjoni kontinwa mis-socjeta` konvenuta fuq il-lant tax-xoghol biex isir kontroll adegwat li l-hamrija li kienet qed tingab kienet tal-kwalita` rikjesta. La c-*checker* u lanqas il-*foreman* ma kellhom il-kompitu biex jikkontrollaw il-kwalita`. Min-naha ta' l-Enemalta pero`, oltre ghall-Perit Busuttil li kien imur jiccekkja kuljum ta' sikwit u jikkontrolla l-kwalita` u l-mod ta' kif kien isir ix-xoghol, kien hemm persuni kwalifikati biex jispezzjonaw il-materjal, gieli qabel ma jinhatt u xi drabi ohra, kif sostna l-istess Perit Busuttil. Ghalhekk il-perit tekniku ssottometta fir-relazzjoni tieghu li huwa inverosimili li min-naha ta' l-Enemalta setghet tithalla hamrija fuq il-post ghal xhur shah meta din ma kenitx tal-kwalita` approvabbli.

Dwar in-nuqqas ta' supervizjoni adegwata min-naha tas-socjeta` konvenuta, il-perit tekniku rrefera wkoll ghax-xiehda ta' John Polidano meta qal "ma neskludix li hamrija ta' wiehed inhattet fuq dik ta' iehor" u li "l-kuntratturi varji kienu jhottu … vjegg hdejn vjegg, u meta l-areja kollha timtela' tigi l-gaffa u tgeddes … u fl-ahhar jibqa' parti fejn iz-zewg borog imissu ma' xulxin. Il-borg tal-hamrija u blat gieli serhu ma' xulxin pero` mhux li kien hemm tahlita".

Il-perit tekniku osserva wkoll li l-Perit Busuttil ma kienx estremament kritiku ta' l-operat ta' l-attur u ammetta li "generalment il-hamrija li ngabet intuzat", ghalkemm parti minnha, mhux kbira proporzjonalment ghall-volum ta' hamrija li ntuza fil-progett, ma gietx approvata u din kienet ta' kulur bajdani. L-istess Perit Busuttil qal li fil-fehma tieghu l-hamrija rikjesta kellha tkun *top soil*, li hi dik li fuqha jikber il-haxix. Il-konvenut nomine qal li beda juza l-materjal xi erba' xhur wara li l-attur nomine kien lesta mill-konsenja u dan "kien tghatta bil-haxix".

Fid-dawl ta' dan kollu l-perit tekniku esprima l-fehma li l-konvenut nomina ma rnexxilux jipprova:

“1). Il-hamrija pprovduta mill-attur kienet dik li ma gietx approvata mill-perit Busuttil, lanqas li din setghet tigi individwalizzata bhala appartenenti lill-attur.

Il-perit Zammit ammetta a fol. 31 li “kien il-konvenuti ndikali materjal bhal dak ipprovdut mill-attur”. Minn dan wiehed jigih id-dubju wkoll li l-hamrija migjuba mill-attur ma baqghetx fuq il-post, izda jew giet utilizzata jew tnehhiet peress li kif qal John Polidano a fol. 39, li “tant dahhal hamrija (il-konvenut) li ma ntusatax kollha”.

2. Li kien hemm supervizjoni u kontroll adegwati fuq il-post, min-naha taghha, biex jigi zgurat li, kif kien dmir taghha, il-materjal li kien qed jigi pprovdut kien tal-kwalita mehtiega.

Mill-banda l-ohra jidher li l-Enemalta kellha supervizjoni u kontroll fuq il-post sija mill-perit Busuttil, li kien jmur jiccekkja kulljum, ta’ sikwit jikkontrolla l-kwalita u l-mod ta’ kif kien qed isir ix-xoghol, kif ukoll minn persuni kwalifikati li jispezzjonaw il-materjal sija qabel ma jinhatt u sija drabi ohra.

3. Li ma sarx tahlit ta’ materjal, bejn hamrija u blat u terrapien, invista ta’ kif giet deskritta l-operazzjoni ta’ stivar, minn John Polidano u ohrajn.

Infatttti mhux eskluz li anki bit-tgeddis permezz tal-gaffa ma nzammitx segregazzjoni stretta bejn il-hamrija tal-attur u dik ta’ kuntratturi ohra kif ukoll ma materjal iehor.”

Minn ezami li l-Qorti ghamlet tal-provi li tressqu f'din il-kawza, hija tal-fehma li l-perit tekniku ghamel apprezzament tajjeb ta' l-istess provi u li l-konkluzjoni li t-talba attrici timmerita li tigi milqugha hija ghaldaqstant korretta.

Jibqa' biex jigi kkunsidrat pero` x'inhu l-ammont li huwa attwalment dovut. Skond ic-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata li giet ikkonfermata mill-attur nomine meta xehed quddiem il-perit tekniku, l-ammont li ghandu jithallas huwa ta' Lm2300. Skond id-Dok. EC10 jidher li s-socjeta` attrici harget *invoice* ghas-somma ta' Lm1740. Issa l-attur nomina esebixxa erbgha u ghoxrin folja ta' *chits* li jindikaw il-vjeggi li saru bil-hamrija. B'kollox jirrizulta

li hemm 214 *chit*. Fl-*invoice* Dok. EC10 jidher li t-talba tirrigwarda 111 *big truck* u 105 *small truck*, total ta' 216 vjegg. Ghalhekk is-somma ta' Lm2300 indikata fic-citazzjoni mhijiex korretta u s-socjeta` konvenuta ghandha thallas dak li gie ndikat fl-*invoice* msemmi bit-tnaqqis ta' zewg vjeggi. Peress li c-*chits* ma identifikawx liema kienu t-trakkijiet il-kbar u liema z-zghar, u l-partijiet lanqas ma ghamlu riferenza ghal dan, se jitnaqqas mill-prezz ta' l-*invoice* l-ekwivalenti ta' vjegg kbir u vjegg zghir, cioe` Lm16. Konsegwentement is-somma li s-socjeta` konvenuta trid thallas lis-socjeta` attrici hi ta' Lm1740 - Lm16 = **Lm1724**.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif inghad u ghalhekk|:

(1) tiddikjara lill-attur nomine kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' Lm1724 rapprezentanti prezz ta' hamrija mibjugha u kkonsenjata mill-attur nomine lill-konvenut nomine, u
(2) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1724 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal kwart mill-attur nomine u kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**